**Minuti tas-Seduta 16 li saret fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | Skuzata | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.30 p.m. | 11.00 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 12.30 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa. Preżenti wkoll kienet Ms. Romina Perici Ferrante , l-accountant tal-Kunsill.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 15 tat-28 ta' Marzu 2008**

1.1 Is-Segretarju talab korrezzjoni fl-attendenza billi il-Viċi Sindku kienet avżat li għandha titniżżel bħala skużata għax kienet avżat lis-Sindku li ma setgħetx tattendi l-laqgħat tal-Kunsill għall issa fuq parir tat-tabib tagħha.

1.2 Is-Sur Demartino talab korrezzjoni fil-paragrafu 4.5 billi tinbidel is-sentenza ta' qabel l-aħħar min "*is-Sur Demartino irrifjuta......* sa..... *biex jirrispondu*", u tidħol is-sentenza: "*Is-Sur Demartino qal li hu kien lest li jiltaqa mas-segretarju imma żied li huwa ma kienx jiftakar il-figuri eżatti imma dawn wieħed jista jsibhom fil-files u anke l-accountant jkollha dawn id-dettalji*". ✓

Dwar item 4.5 ukoll is-Sur Demartino qal li l-acountant waqt il-laqgħa kienet qablet miegħu li l-krendituri kienu koperti, għalhekk talab li din tidħol bħala korrezzjoni tal-minuti. ✓

Is-segretarju spjega li kien reġa ltaqa mal-accountant u spjegala li dak li ried jgħid hu kien li qabel jiġi deċiż x'inhi l-aħħar figura tal-proġett tal-Pjazza wieħed ma jistax jkun jaf jekk hemmx flus biżżejjed biex ikopru dan il-proġett għax id-differenza bejn dak li qed jitlob il-kuntrattur u dak li jidher fil-kotba tal-kunsill hija kbira. L-accountant qablet li dan huwa wkoll veru għax hi m'għandiex l-aħħar bilanċ dovut.

**Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex isir tberik tal-uffiċini mill-Arċipriet Rev Dun Mario Tong. Il-laqgħa tkompliet immedjatament wara.**

**2. Tagħrif mil-minuti**

Dwar item 5.1 is-Segretarju Eżekuttiv talab li jiġi iffurmat kumitat sabiex tiġi studjata u jsiru proposti kif tista tissolva l-kwistjoni tal-proġett tal-Pjazza Rotunda. Il-Kunsill ħatar kumitat magħmul minn: Is-Sindku, Il-Perit Chris Grech, Is-Sur Demartino u is-Sur John Mary Camilleri

sabiex jiltaqgħu mal-Perit Maurice Galea, il-Perit Etienne Magri u s-Segretarju Eżekuttiv jistudjaw l-aħħar rapport u proposti li saru mill-Perit Maurice Galea u jirreferu lura lill-Kunsill.

Dwar 3.5 is-segretarju irraporta li ż-żewġ airconditioners tal-librerija ġew spezjonati u nstab li bi ftit spejjes żgħar jista jsirilhom *tray* fejn jinġabar l-ilma u ma kienx hemm bżonn jinbidlu. Is-segretarju nkariga lill-Handyman sabiex jieħu ħsieb jagħmel dan.

Dwar item 3.7 is-segretarju rapporta li kienet ser issir laqgħa mas-Sur Ray Abela tat-TCTC u kien ser jara li jġib l-aħjar 'deal' għall-Kunsill u jirraporta lura.

**3. Korrispondenza**

3.1 Ġiet diskussa ittra mis-Soċjeta Filarmonika Nicolo' Isouard għat-talba ta' tqegħid ta' Bust ta' Nicolo Isouard fit-tarf ta' Triq Nicolo Isouard kantuniera ma' Triq il-Kostituzzjoni. Is-Sindku qal li barra li hemm il-proġett tal-konok wieqaf u kien diffiċli li jinġab il-permess għall dak il-post billi issa kienet tneħħiet il-konka ta' fejn qed jiġi propost kien min għalih li l-ħsieb kien li l-bust jitpoġġa fit-tarf l-ieħor tat-triq kantuniera ma Triq it-Tama. Ġie deċiż li jiġi ssuġġerit lis-soċjeta Nicolo' Isouard li l-bust jitpoġġa f'nofs traffic island in-naħa ta' Triq it-Tama bħal dak ta' EB Vella u li jiġu nfurmati li biex jitpoġġa fejn qed jirrakomandaw huma jrid jintalab il-permess ta' sid is-*showroom* li hemm eżatt wara l-post propost. Għandu ukoll jintalab il-qies ta' dan il-bust.

3.2 Inqrat ittra tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija li talbet li ssir '*Car Show*' ġewwa l-parking area. Din ġiet approvata unanimament.

3.3 Il-Kunsilliera Kirby Fenech ukoll talbet li ssir car show simili fl-istess post. Din ġiet ukoll aċċettata unanimament.

3.4 Inqrat ittra tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija li talbu li fl-okkażżjoni tal-400 sena tal-parroċċa tal-Mosta minflok xi bust issir Statwa ta' Santa Marija fuq pedestall (it-tnejn tal-irħam) fil-post fejn llum hemm l-iljun. Is-Sur Demartino u Dr Shirley Farrugia oġġezzjonaw għal post propost għaliex b'hekk kien se jerġa jsir tkissir tal-monument biex jitwaqqaf ieħor barra li l-iljun hu parti mill-istorja tal-Mosta u barra li għadu kemm tlesta ix-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza u ser jerġa jinqala mill-ġdid. Saret diskussjoni u ntalab vot. Il-proposta kienet li l-istatwa l-ġdida proposta issir minflok l-iljun bil-kundizzjoni li l-iljun u l-armi ta' taħtu jinstabilhom post ieħor fil-pjazza Rotunda stess mingħajr ma' ssirilhom l-ebda ħsara u a spejjes kollha tal-Każin Santa Marija. Il-Kunsilliera J.M. Camilleri u Marthese Mifsud għamluha ċara li huma jinsistu illi żgur l-iljun u l-armi għandhom jibqgħu fil-Pjazza Rotunda u mhux fil-gnien ta' quddiem iċ-ċentru ċiviku. Saret votazzjoni b' dan ir-riżultat:

7 voti favur – Dr. Paul Chetcuti Caruana, Paul Agius, Kirby Fenech, Chris Grech, Marthese Mifsud, Mario Sammut, u J.M. Camilleri.

3 voti kontra – Joe De Martino, Nicola Fenech Adami, Dr. Shirley Farrugia.

il-mozzjoni għaddiet. Is-Segretarju ġie inkarigat jikteb lis-Soċjeta' u jitlob disinn u qisien tal-monument propost.

**4.0 Stqarrija Pubblika dwar il-konok ta' Triq il-Kostituzzjoni.**

4.1 Is-Sindku qali illi jixtieq tinħareġ stqarrija sabiex il-pubbliku Mosti jkun jaf x' inhi l-verita' dwar il-waqfien fix-xogħol ta' Triq il-Kostituzzjoni. L-ADT waqqfet ix-xogħol mhux tort tal-kunsill imma tort tal-Periti tal-Kunsill li ma għamlux xogħolhom tajjeb għaliex kemm it-Tender kif ukoll il-permessi meħtieġa huma responsabbilta tal-periti. Ġie approvat li toħroġ din l-istqarrija.

F' dan l-istadju l-Kunsillier Joe Demartino staqsa jekk ix-xogħol tal-bankina li qed isir fi Triq Tumas Dingli kienx ġie approvat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Perit Chris Grech qal illi dan ix-xogħol kien ġie approvat fil-laqgħa numru 13.

**5.0 Viżita f' Ragusa**

Ġiet approvata t-talba tas-Sindku li l-Kunsill jħallas id-differenza li hemm bżonn sabiex issir viżita f' Ragusa għall-għeluq tal-programm tal-*Cult Exchange* billi l-budget tal-U.E. ma kienx biżżejjed.

**6.0 Dan l-item ma ġiex diskuss**

**7.0 Bust għal Dun Angelo Camilleri fil-pjazza tal-Oratorju.**

7.1 Ma sarx ftehim dwar dan billi mhix l-użanza li jsiru monumenti lil nies li għadhom ħajjin għalkemm Dun Anġ Camilleri kien jixraqlu dan il-bust.

**8.0 Approvazzjoni tal-Accounts Y/E 31/03/2008 u ifissar ta' data għall-laqgħa pubblika annwali**

8.1 L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Romina Perici Ferrante ippreżentat l-accounts tal-Kunsill għas-sena li tagħlaq 31 ta Marzu 2008 li juru bilanċ ta' €2,706.34 jiġifieri indikatur finanzjarju ta' 0.36%. Ir-raġuni għall dan kienet li fondi tal-UIF li kien maħsub jintużaw għall-Pjazza Rotunda u Ġnien Reggie Cilia ġew imħollijin għall-proġetti ta' Triq l-Isperanza u Triq il-Parroċċa. Naturalment dawn il-fondi tal-UIF issa żdiedu mill-MEPA għas-somma ta' Lm 105,000 (€244,584).

Is-Sur Demartino spjega li kien dan il-Kunsill li dawwar dawn il-fondi minn proġett għall-ieħor.

Is-Sindku fakkar li l-ex segretarju Eżekuttiv Alfons Anastasi ma kienx bagħat l-invoices lill-MEPA kif suppost u fil-ħin. Is-Sindku kien irċieva telefonata mill-MEPA li fiha ġie informat li kien hemm Lm 105,000 (€244,584) u li lanqas biss kien sar il-kuntratt.

Is-Sinjura Perici Ferrante qalet li bis-sitwazzjoni kif inhi sabiex jsir il-proġett tal-Pjazza Dr Chetcuti u t-toroq tal-madwar kien jinħtieġ jintalab il-permess tad-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex l-ispiża tinqasam fuq tlett snin. Is-Segretarju ġie inkarigat jikteb lid-Dipartiment.

L-Accounts ġew approvati unanimament.

Is-Segretarju talab data sabiex fiha issir il-laqgħa pubblika tal-Kunsill tal-Mosta skond il-liġi. Il-Kunsill ħalla f'idejn is-Sindku u s-Segretarju sabiex jiffissaw din id-data u jinfurmaw lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**Items 9.0,10.0, u 11.0 ma ġewx diskussi.**

## 12.0 Żokkrija – Stores/Kiosk

12.1 Is-Segretarju qal li filwaqt li A.S. Libertas qatt ma' kien ħadu pussess tal- garage fiż-żokkrija dawn xorta jidhru li għandhom jagħtu l-kera lill-Kunsill. Huwa talab li dawn jiġu mħassra bħala debituri fil-kotba tal-Kunsill. Dan ġie approvat unanimament.

12.2 Melita Cycling Club ma kienx qed jonoraw il-kuntratt għax ma kienux qed iħallsu l-kera skond il-ftehim li kien sar. Barra minhekk il-Kunsill qed jirċievi ilmenti ta' ħmieġ u struttura tal-injam li qed tkerraħ il-post barra li l-post qajla jintuża. Is-Segretarju ġie inkarigat jitlob il-pagamenti tal-kera u li l-pożizzjoni tiġi regolata. Fin-nuqqas ta' dan tittieħed azzjoni aktar drastika billi jintalbu ċ-ċwievet u jingħataw lill-ħaddieħor li lest juża l-post a benefiċċju tar-residenti u żgħażagħ Mostin.

**Items 13-14 u 15 ma ġewx diskussi.**

Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu approvati l-listi ta' pagamenti li kienu tqassmu mal-agenda iżda ma tniżżlux fl-agenda. Ġiet approvata lista ta' pagamenti li tammonta għall €44,152.96 (Lm 18,594.88) u oħra ta' pagamenti urġenti li tħallsu għas-somma ta' €12,629.11 (Lm 5421.68). Ġew approvati wkoll il-Petty Cash għall-Marzu 2008 għas-somma ta' €139.96 (Lm 60.08).

Ġie deċiż li ssir laqgħa oħra fi żmien ħmisax il-ġurnata sabiex jiġu diskussi fost affarijiet oħra l-items li ma sarux f'din il-laqgħa.

Is-Seduta ntemmet fin-12.30 p.m.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Ezekuttiv